**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR. IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar is-6 ta' Marzu 2023**

**Rikors Numru : 208/2020 JPG**

**Kawza Numru : 14**

**NG**

**Vs**

**AG**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' NG data 19 ta' Novembru 2020, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi r-rikorrenti zzewget lill-intimat fl-ghoxrin (20) ta' Gunju tas-sena elfejn u hmistax (2015) certifikat taz-zwieg Nru: wiehed sitta disgha tmienja elfejn u hmistax (1698/15).*

2. *Illi minn dan iz-zwieg, il-kontendenti ma kellhomx tfal. Huma iffirmaw kuntratt ta' firda personali nhar it-tmintax (18) ta' Gunju tas-sena elfejn u sbatax (2017) fl-atti tan-Nutar Anthony Abela (Dok A).*

3. *Illi l-kunsens tal-intimat ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tieghu.*

4. *Illi l-kunsens tal-intimat kien inkiseb b'eskluzzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.*

5. *Illi ghalhekk l-imsemmi zwieg huwa null skond it-termini ta' l-Artiklu 19 (1) (d) u/jew (f) ta' l-Att Nru xxxvii tas-sena 1975 ()Kap 255) li jirregola z-Zwigijiet.*

*Jghid ghalhekk l-intimat ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:*

1. *Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg kontratt fl-ghoxrin (20) ta' Gunju tas-sena elfejn u sittax (2016) bejn il-kontendenti huwa null u bla effett ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi u dana ghal ragunijiet imputabbli solament lill-intimat.*

*Dikjarazzjoni tar-rikorrenti*

1. *Illi r-rikorrenti zzewget lill-intimat fl-ghoxrin (20) ta' Gunju tas-sena elfejn u hmistax (2015).*
2. *Illi huma sseparaw nhar it-tmintax (18) ta' Gunju tas-sena elfejn u sbatax (2017) (Dok A).*
3. *Illi l-kunsens tal-intimat ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tieghu.*
4. *Illi l-kunsens tal-intimat kien inkiseb b'eskluzzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.*
5. *Illi ghalhekk l-imsemmi zwieg huwa null skond it-termini ta' l-Artiklu 19 (1) (d) u/jew (f) ta' l-Att Nru xxxvii tas-sena 1975 (Kap 255) li jirregola z-Zwigijiet.*
6. *Illi hemm lok li z-zwieg ta' bejn il-kontendenti jigi dikjarat null ghal ragunijiet solament mputabbli lill-intimat.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta tal-intimat datata 4 ta' Awwissu 2021, a fol 19 et seqq., li taqra hekk:

1. *Illi l-esponenti ma joggezzjonax illi z-zwieg ghandu jigi annullat imma dan mhux ghar-ragunijiet imputabbli lill-esponenti imma ghar-ragunijiet imputabbli biss lir-rikorrenti;*

2. *Illi kienet ir-rikorrenti illi kellha il-kunsens taghha vizzjt u kienet hi li ma kienitx preparata u lesta li tidhol ghall-hajja mizzewga;*

3. *Illi in oltre kienet ir-rikorrenti li wara li gie ikkuntrattat iz-zwieg, infurmat lill-esponenti illi hija ma riditx tfal u li hija qatt ma riedet tfal, fatt li mhux talli ma kienitx infurmat lill-intimat bih qabel iz-zwieg imma sahansitra kienet tghidlu bil-kontra;*

4. *Illi kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza jekk hemm bzonn ukoll bl-ghajnuna ta' esperti imqabbdin minn dina l-Onorabbli Qorti, hija ir-rikorrenti li qatt ma kellha il-kapacita li tikkuntratta dan iz-zwieg u qatt ma setghet taghti il-kunsens taghha ghal dan iz-zwieg u dan minhabba problemi ta' natura psikologika u sahha mentali dghajfa;*

5. *Illi r-rikorrenti qatt ma kienet lesta li taqdi l-obbligi taghha fil-hajja taz-zwieg u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza u ghalhekk is-separazzjoni bejn il-partijiet kienet biss dovuta ghar-ragunijiet imputabbli lilha u mhux lill-esponenti;*

6. *Illi dawn il-proceduri huma prova fihom infushom tal-fatt illi ir-rikorrenti qatt ma kienet lesta ghaz-zwieg ghaliex hija mara pikuza u tahseb biss fuq kif ser ikollha dejjem "l-upper hand" fuq l-esponenti, tant illi dawn il-proceduri gew ntavolati biss ghaliex l-esponenti talab u ottjena divorzju kontriha. Ovvjament ghaliex intalab id-divorzju mill-esponenti, ir-rikorrenti ma setghetx toqghod milli ma taghmilx procedura hi kontra tieghu, liema attitudni hija riflessjoni tal-mod kif hija kienet tagixxi tul il-hajja mizzewga qasira li kellhom il-partijiet;*

7. *Illi in oltre wiehed ma jistax jifhem kif ir-rikorrenti qeghda titlob in-nullita taz-zwieg permezz ta' din il-kawza u fl-istess gurnata li giet intavolata din il-kawza, ossija fid-19 ta' Novembru 2020 kienet dahlet oggezzjoni biex l-istess zwieg jinhall, ghajr li din il-kawza mhi xejn hlief tpattija ghaliex l-esponenti kellu l-ardir illi jitlob divorzju wara erba snin separat;*

8. *Illi ghalhekk jekk dan iz-zwieg jigi annullatt, dan ghandu jigi dikjarat null ghar-ragunijiet imputabbli biss lir-rikorrenti NG.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez kontra lir-rikorrenti li minn issa ngunta ghas-subizzjoni.*

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni mill-avukati difensuri tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

***L-attrici NG xehdet nhar id-19 ta' Jannar 2022 (vide fol 24 et seq)*** u spjegat illi hi u l-intimat kienu jghixu flimkien imbaghad zzewwgu. Xehdet illi huma damu biss sena mizzewgin. Tirrileva illi huma damu gharajjes erba' snin. Illi tul l-gherusija huma kienu jghixu flimkien u kien kollox harir. Filfatt mill-ewwel bdew jghixu flimkien. Tistqarr illi kien hemm iktar infatwazzjoni milli zwieg. Xehdet illi fil-fatt qatt ma kien hemm *marriage proposal*. Illi mill-honeymoon bdew jinqalghu l-problemi. Tixhed illi l-konvenut minn dejjem kien ihobb jiehu drink l-hemm u l-hawn izda din il-kilba ghall-alkohol bdiet tkompli tikber b'dana illi l-intimat ta' spiss ma kienx ikun jaf x'inhu jaghmel. Illi darba fost l-ohrajn, qam u qalilha li ddejjaq mizzewweg u li jrid imur lura ghand ommu. Tispjega illi qabel ma zzewwgu ix-xoghol tad-dar kien jinqasam bejniethom b'mod ugwali. Izzid illil-konvenut kien qieghed ikun ghajjien mix-xoghol u li r-rapporti intimi ta' bejnithom ma kienux wisq frekwenti. L-attrici tishaq illi kellha suspetti fuq il-fedelta' tieghu u anke kien hemm certu messaggi li ndikaw li l-intimat seta' kellu relazzjoni extra-maritali u dawn is-suspetti bdew wara li l-attrici rat certu messaggi u diskors. Tispjega illi l-konvenut ghandu tifel minn relazzjoni precedenti izda l-konvenut qatt ma kien prezenti fil-hajja ta' dan it-tifel u minhabba dan kellha dik il-biza' li seta' jigri l-istess lilha. Izzid illi minkejja li kien ikollhom rapporti intimi, qatt ma kellhom tfal.

***In kontro-ezami, l-attrici*** tikkonferma illi hija kellha disgha u ghoxrin sena (29) meta zzewwgu u llum il-gurnata ghanda sebgha u tletin (37) u tikkonferma illi bdew ir-relazzjoni taghhom ta' hamsau ghoxrin (25). Tikkonferma ukoll illi hija kellha relazzjonijiet precedenti ghal dik mal-konvenut. Mistoqsija jekk qabel iz-zwieg kienx hemm certu diskors ta' certu serjeta u portata, l-attrici tishaq illi iz-zwieg hija kaxxa maghluqa u bejn tixtieq tizzewweg u trid tizzewweg hemm differenza kbira. Mistoqsija jekk hi riditx tizzewweg, tispjega illi hi kienet waslet fi zmien fejn l-intimat ried jizzewweg u kienet tghid li ser taghti cans u tipprova ghaliex din kaxxa mghaluqa u ma tafx x'ser jigri izda hi qatt ma kellha min juriha t-triq ghaz-zwieg. Mistoqsija jekk qatt ratx

futur mal-konvenut, tirrileva illi il-futur ma tistax tarah imma kien iz-zmien ghaliex hi kienet ser taghlaq tletin sena. Konfrontata bil-fatt illi hi zzewwget ghaliex beda jaghfas iz-zmien, tishaq illi hi hadet id-decisjoni li tizzewweg izda meta tkellmuha, ma kienx hemm wisq diskors. Tistqarr illi kien iktar il-konvenut li kien jitkellem fuq zwieg minnha. Izzid illi hi kienet tghidlu nippruvaw u li dan kien ser ikun zmien ta' sagrifficju miz-zewg nahat. L-attrici tikkonferma illi hi ma kienitx qieghda tiehu l-ebda kontracettiva. Mistoqsija jekk ir-rapporti intimi taghhom kienux intizi biex ikollhom it-tfal jew le, l-attrici tirrileva illi hi qatt ma kienet toqghod lura u la kienu qed jilghabu man-nar tista tinharaq. Rigward il-kwistjoni tax-xorb, tishaq illi din tkellmuha kemm il-darba u kien jaghtiha ragun pero qatt ma weghda li ser jipprova jaghmel xi haga dwar dan.

***L-intimat in subizzjoni nhar l-10 ta'Marzu 2022*** xehed illi qabel ma zzewwgu, kienu ilhom madwar hames snin jafu lil xulxin u kienu ghamlu xi tlett snin u nofs jghixu flimkien. Izid illi l-preparamenti ghat-tieg ghamluhom flimkien. Mistoqsi jekk qattx tkellmu fuq tfal, l-intimat jishaq illi tkellmu kemm il-darba izda l-attrici kienet taghzel il-karriera u kien mohha fil-hanut u fil-flus. Mistoqsi ghalfejn telaq mid-dar matrimonjali, il-konvenut jirrileva illi r-raguni kienet minhabba t-tfal, minkejja li l-hsieb tieghu kien li jkabbru l-familja, l-attrici kienet dejjem mohha fil-hanut, u fil-flus. Meta filghaxija kien jien jasal id-dar, ma kien ikun hemm ebda komunikazzjoni. Jishaq illi ma fittxew l-ebda *counseling* u l-attrici qablet mieghu meta qalilha biex jiefqu.

In ***kontro-ezami*** l-konvenut jikkonferma illi applika ghad-divorzju izda jishaq illi l-attrici riedet l-ahhar kelma u fethet proceduri ta' annullament. Il-konvenut jinsisti illi tul ir-relazzjoni taghhom, l-attrici kienet tkun trid li tghaddi taghha u tkun trid l-ahhar kelma f'kollox. Jispjega illi fir-rigward tal-affarijiet finanzjari bejniethom, minkejja li hu xtaq li jkollhom kollox flimkien, l-attrici qatt ma accettatha din. Ghalkemm kellhom *joint account*, filwaqt li l-konvenut kien jitfa l-flus fih, il-kontribut taghha kien ikun vera zghir u qatt ma kien jaf x'kienet taqla mill-hanut. Jikkonferma illi l-hanut tal-attrici huwa bil-kera u kien taghha qabel iz-zwieg. Fir-rigward tar-relazzjonijiet intimi, il-konvenut jirrakkonta illi nhar ta' Tnejn kienet tkun gurnata xoghol twila ghalih, mentri ghall-attrici kienet l-*off day* taghha.

Jishaq illi meta kien jasal id-dar mix-xoghol fit-tard, l-attrici ma kienitx tkun id-dar ghaliex kienet tkun harget u lanqas ma kienet tipprepara xi haga tal-ikel ghalih biex isib x'jiekol x'hin jirritorna mix-xoghol. Izid illi meta kien juri affezzjoni lejha, hi ma kienitx tirreciproka. Jixhed illi l-affarijiet bdew sejrin hazin mill-*honeymoon*. Jispjega illi huma ghamlu xahar *honeymoon* flimkien ma' kopja ohra hbieb taghhom. Sakemm kienu hemm, ir-ragel tal-kopja l-ohra kellu event filghaxija tax-xoghol peress li hu kien qieghed fuq xoghol l-Amerika, u l-mara tieghu ma riditx

tmur dana l-event u minflok bi qbil bejn in-nisa mar hu flokha u kienu iddawwru ftit. Illi pero' l-attrici qatt ma semmiet dan l-episodju ghajr fit-testimonjanza taghha. Izid illi daqs kemm jixrob hu tixrob hi ghaliex flimkien kienu johorgu. Jichad li kien jixrob matul il-gimgha u jispjega illi fil-weekend meta kienu johorgu u bhala socializing kien jixrob bhal ma kienet taghmel hi.

***TP, oht l-attrici xehdet nhar l-14 ta'Novembru 2022 (vide fol 38 et seq).*** Hi spjegat illi l-partijiet kienu iltaqghu f'kuntest ta' hbiberija izda imbaghad kienu sar jafu lil xulxin ahjar u qabdu relazzjoni. Tikkonferma illi qabel ma zzewwgu kienu anke jghixu flimkien f'appartament li kien jappartjeni lill-attrici. Tishaq illi huma kienu johorgu maghhom, u kienu jkunu flimkien. Ir-relazzjoni kienet tidher wahda tajba ghalkemm argumenti kien ikollhom bhal meta l-konvenut kien ikun tard, jew kien ikun il-kazin jiehu xi drink u hi tkun mifthema u jkun ghadu ma giex u forsi kienet icempillu u kienet tirreagixxi b'mod forsi rrabjat. Tikkonferma illi l-partijiet kienu ghamlu erba' snin jghixu flimkien qabel ma zzewgu. Ix-xhud tishaq illi t-tnejn kienu nies tajbin, u t-tnejn li huma kellhom il-hazin taghhom. Izzid illi hi taf biss li l-konvenut qabad u telaq minghajr ragun ta' xejn wara sena zwieg. Tishaq illi hi kienet tkun taf bl-affarijiet normali ta' kuljum, u qatt ma kien hemm xi haga li kienet qieghda tohloq xi suspetti fiha. Tirrileva illi ohtha qatt ma qaltilha r-raguni ghaliex il-konvenut telaq mid-dar. Izzid illi wara li telaq il-konvenut, hi pruvat taghmel kuntatt izda qatghu kull kuntatt mal-familjari u ma' kulhadd.

In ***kontro-ezami*** ix-xhud tikkonferma illi qatt ma tkellmet mal-intimat fuq il-problemi matrimonjali. Ix-xhud tishaq illi hi rrakkontat dak li hi rat fil-presenza taghha ghaliex hi qatt ma ghexet maghhom. Mistoqsija jekk ohtha qatt qaltilha jekk hi riditx it-tfal jew le, ix-xhud tirrileva illi qatt ma qaltilha li ma riditx tfal u dejjem kellha l-hsieb li jkollha t-tfal. Tishaq illi hi qatt ma saqsiet fuq jekk kienu qieghdin jippruvaw li jkollhom it-tfal jew le. Tinsisti illi l-problemi li kienet isemmilha ohtha kienu argumenti normali ta' kuljum, jew ghax ma jkunux ftehmu fuq xi haga. Qatt ma kien hemm xi haga specifika li nkwetatha. Tikkonferma illi wara li l-konvenut telaq mid-dar, ohtha kienet qaltilha li riedet iggib l-annullament, izda qatt ma tkellmu fuq ghalfejn dawna l-proceduri infethu wara l-proceduri ta' divorzju, pero' ohtha kienet qaltilha li l-konvenut fetah proceduri ta' divorzju. Tikkonfemra ukoll illi qatt ma tkellmet ma' ohtha fuq kif kienu jirregolaw id-dhul taghhom.

**Ikkonsidrat:**

Din hija kawza ghad-dikjarazzjoni ta' nullita' taz-zwieg tal-partijiet ikkontrattat fl-ghoxrin (20) ta' Gunju 2015, liema zwieg gie rregistrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta bin-numru 1698/2015 u dan kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg *a fol 5* tal-process. Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet ma kellhomx tfal.

Mill-atti jirrizulta illi l-partijiet kienu iltaqghu f'cirku ta' hbieb komuni u minn hemm huma bdew relazzjoni. Illi jirrizulta illi xi sena wara li kienu ilhom flimkien, il-partijiet marru jikkoabitaw flimkien f'proprjeta li kienet tappartjeni lill-attrici. Illi wara erba' (4) snin ta' koabitazzjoni, il-partijiet izzewwgu fl-20 ta' Gunju 2015. Illi l-partijiet sseparaw permezz ta' kuntratt ta'separazzjoni fl-atti tan-Nutar Anthony Abela datat 18 ta' Gunju 2017. Illi mit-testimonjanza tal-partijiet jidher illi l-konvenut intavola proceduri ta' divorzju, pero ma ngabu l-ebda provi dokumentarji dwar dan.

Gie rilevat illi:

> ***Huwa pacifiku illi z-zwieg huwa istitut ta' l-ordni pubbliku u bhala tali ghandu jgawdi minn dawk is-salvagwardji li jixraqlu u li huma necessarji biex jiggarantixxu l-importanza u s-solennita` li dan l-istitut ghandu fis-socjeta`. Appuntu ghal din ir-raguni, il-kuntratt taz-zwieg ma huwiex regolat bid dispozizzjoniiet generali in materja ta' kuntratti li nsibu fil-Kodici Civili izda b'lex specialis taht il-Kap. 255, li tipprovdi dwar ir-ragunijiet li minhabba fihom zwieg jista' jigi dikjarat li huwa minghajr effett.***[1]

Fir-rigward taz-zwieg tezisti prezunzjoni ta' validita' ` illi tesigi li z-zwieg ma ghandux jigix dikjarat li huwa invalidu, jekk ma jitressqux ghas-sodisfazzjon pjen tal-Qorti, provi cari u konkreti li jezistu ragunijiet gravi u serji u eccezzjonali skond kif trid il-Ligi, li jiggustifikaw talba ghan-nullita.' Kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet ***L-Avukat A B noe vs ED*** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-31 ta' Jannar 2018:

> ***Huwa pacifiku illi z-zwieg huwa istitut ta' l-ordni pubbliku u bhala tali ghandu jgawdi minn dawk is-salvagwardji li jixraqlu u li huma necessarji biex jiggarantixxu l-importanza u s-solennita` li dan l-istitut ghandu fis-socjeta`.***

[1] Vide Rik.Gur.Nru.: 219/2016RGM fl-ismijiet: L-Avukat AB vs ED deciza nhar il-31 ta'Jannar 2018.

> ***Appuntu ghal din ir-raguni, il-kuntratt taz-zwieg ma huwiex regolat bid dispozizzjoniiet generali in materja ta' kuntratti li nsibu fil-Kodici Civili izda b'lex specialis taht il-Kap. 255, li tipprovdi dwar ir-ragunijiet li minhabba fihom zwieg jista' jigi dikjarat li huwa minghajr effett. Inoltre, tezisti a favur iz-zwieg prezunzjoni ta' validita` illi tesigi li z-zwieg ma ghandux jigix dikjarat li huwa invalidu, jekk ma jitressqux ghas-sodisfazzjon pjen tal-Qorti, provi cari u konkreti li jezistu ragunijiet gravi u serji u eccezzjonali skond kif trid il-Ligi, li jiggustifikaw talba ghan-nullita`…***
>
> ***In-nullita` taz-zwieg hija ghalhekk eccezzjoni ghar-regola ta' validita` u konsegwentement, kull talba biex zwieg jigi dikjarat li qatt ma kien, ghandha titqies b'cirkospezzjoni filwaqt li tinghata wkoll interpretazzjoni ristrettiva…***

Kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet ***Carmel Farrugia vs Pauline Farrugia*** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Lulju 1987:

> ***Iz-zwieg huwa wiehed mill-kuntratti l-aktar essenzjali ghas-socjeta' u bla dubju ta' xejn huwa ta' ordni pubbliku li l-Qorti trid tersaq lejh bl-aktar rispett… Ghall-Qorti n-nullita' hija haga serjissima u eccezzjonali bbazata fuq ir-rekwiziti legali, u bhala materja eccezzjonali trid tkun interpretata restrittivament.***

Inoltre, kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet ***Joseph Zammit vs Bernardette Zammit*** deciza 27 ta' Jannar 2006:

> ***Irid mill-ewwel jiġi senjalat prinċipju fundamentali fil-liġi ċivili u cioe' li żżwieġ bejn il-kontendenti għandu jkun preżunt li jkun wieħed validu. Għalhekk huwa dover assolut ta' kull parti fil-kawża li tagħmel prova sodisfaċenti ta' l-allegazzjonijet rispettivi tagħha dwar l-allegazzjoni u cioe' li ż-żwieg huwa null għaliex l-oneru tal-prova huwa dejjem fuq spallejn min jallega.***

Illi ghalhekk il-Qorti ser tghaddi sabiex tezamina fil-meritu taghhom il-kawzali ta' nullita' mressqa mill-attrici.

**Ikkonsidrat:**

L-attrici qieghda tibbaza t-talba taghha fuq l-artikoli 19 (1) (d) u/jew (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti tibda billi tinnota illi iz-zewg kawzali ta' nullita mressqin mill-attrici b'mod konguntiv jew alternat, skont il-gurisprudenza huwa talbiet kontradittorji. Il-Qorti taghraf illi din il-kontradittorjeta, ghalkemm ma twassalx ghan-nullita tal-azzjoni, ta' bilfors twassal sabiex dawn il-kawzali kontradittorji idghajjfu lil xulxin. Kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet ***Joseph Zammit vs Bernadette Zammit*** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Jannar 2006:

> ***L-inkomplattibbilita` bejn dawn iz-zewg kawzali tohrog fil-fatt li nnuqqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzju timplika inkapacita` li wiehed jaghraf, jifhem u jirrifletti filwaqt li l-kawzali tas-simulazzjoni tenhtieg li jkun hemm tali kapacita` intellettwali, proprju l-att pozittiv tal-volonta` li jwassal ghas-simulazzjoni, totali jew parzjali.***

L-artikolu 19 (1)(d) jipprovdi illi zwieg ikun null:

> ***jekk il-kunsens ta' xi waħda mill-partijiet ikun vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tagħha, jew b'anomalija psikoloġika serja li tagħmilha impossibbli għal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ.***

Rigward l-interpretazzjoni ta' dan is-sub-inciz inghad fis-sentenza fl-ismijiet ***Zammit vs Zammit*** citata aktar -il fuq:

> ***Illi b'difett serju ta' diskrezzjoni, il-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' mmaturita' li parti jew ohra fiz-zwieg tista' tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku. Li kieku l-legislatur irrikjeda maturita' shiha u perfetta, ftit jew addirittura ebda zwieg ma kien ikun validu. In-nuqqas ta' discretio judicii hu kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita' ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg.***
>
> ***Illi kif jispjega Bersini, id-diskrezzjoni ta' gudizzju tikkonsisti f'zewg elementi distinti izda konkorrenti u interdipendenti:-***

***"la piena avvertenza e il deliberato consenso….La piena avvertenza si riferisce alla sfera intellettiva, il deliberato consenso a quella volitiva. In altri termini, la discrezione di giudizio comprende la maturita' di giudizio e la maturita' affettiva…. La maturita' di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all'atto da compiere, agli obblighi essenziali da assumersi e ai doveri cognugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita' affettiva comporta generalmente quella adequata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita' che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta' e possono privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi' una mancanza di consenso libero (immaturita' affettiva) e ponderato (immaturita' di giudizio)" (Bersini. F., Il Diritto Canonico Matrimoniale (Torino, 1994), p. 97.)"***

Fuq l-istess materja, inghad fis-sentenza fl-ismijiet ***Emanuel Camilleri vs Carmen Camilleri*** deciza fil-21 ta' Novembru 1995 illi:

***Huwa ormai assodat fil-gurisprudenza nostrana illi difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju mhux semplicement nuqqas ta' hsieb, jew nuqqas ta' riflessjoni; anqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew jiehu decizjonijiet zbaljati [infatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi perfettamet kompatibbli ma' diskrezzjoni ta' gudizzju.***

Il-Qorti taghraf inoltre illi skont il-gurisprudenza, a bazi tat-taghlim ta' Bersini, tezisti presunzjoni fil-ligi illi kull min jaghlaq it-tmintax -il sena huwa kapaci li jizzewwg u li ghalhekk jispetta lil min iqajjem il-kawzali prevista f'dan is-sub-inciz illi jressaq prova kontrarja sodisfacenti. Inoltre, il-livell ta' maturita jew immaturita tal-parti jrid jigi ipprovat fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali ghaliex huwa l-mument tal-ghoti tal-kusens li huwa rilevanti fil-kuntest ta' kawza annullament u mhux dak li gara wara waqt iz-zwieg tal-partijiet. Kif intqal fis-sentenza ***Cusens vs Cusens*** citata aktar -il fuq:

***Il-ligi tipprezumi li kull min ghalaq is-sittax-il sena huwa kapaci li jizzewweg, u l-prova kuntrarja tispetta lil min jallega l-kuntrarju. F'dan il-kaz ma irrizultax provat li l-attur jew il-konvenuta kienu immaturi b'mod li l-kunsens matrimonjali taghhom kien vizzjat. Huwa rilevanti l-fatt li meta l-partijiet izzewwgu huma kellhom 27 sena u 25 sena rispettivament u kellhom relazzjonijiet precedenti qabel ma bdew ir-relazzjoni taghhom.***

Illi l-artikolu 19 (1) (f) jipprovdi illi zwieg ikun null:

> ***jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.***

B'referenza ghal dan is-sub-inciz intqal fis-sentenza fl-ismijiet ***Simon Cusens vs Romina Cusens*** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-10 ta' Dicembru 2014 illi:

> ***"Dan is-subinciz (f) jirreferi ghal dawk ic-cirkostanzi fejn xi hadd mill-partijiet ikun ha decizjoni li ghalkemm ser jippartecipa fic-cerimonja taz-zwieg huwa kien qieghed jeskludi jew iz-zwieg innifsu jew xi wiehed mill-elementi essenzjali taz-zwieg b'tali mod li z-zwieg ikun qieghed jigi eskluz. Fi kliem iehor, sabiex zwieg jigi kkonsidrat null ai termini ta' dan is-subinciz jehtieg li jigi pprovat li xi hadd mill-partijiet huwa hati ta' simulazzjoni fis-sens illi minn barra kien jidher li qed jaghti l-kunsens ghar-rabta matrimonjali mentri fil-fond tal-menti tieghu jew taghha iz-zwieg jew xi element essenzjali tal-hajja mizzewga kien qed jigi eskluz a priori."***

Bl-istess mod, fis-sentenza fl-ismijiet ***L-Avukat A B noe vs ED,*** citata aktar il-fuq intqal:

> ***Illi gie konsistentement ritenut illi dan is-subinciz (f) jirreferi ghal dawk ic-cirkostanzi fejn xi hadd mill-partijiet ikun ha decizjoni li ghalkemm ser jippartecipa fic-cerimonja taz-zwieg, hija tkun qieghda teskludi jew iz-zwieg innifsu, jew xi wiehed mill-elementi essenzjali taz-zwieg b'tali mod li z-zwieg ikun qieghed jigi eskluz. Fi kliem iehor, biex zwieg ikun null ai termini ta' dan is-sub inciz, xi hadd mill-partijiet ma jkollux intenzjoni li jizzewweg u jghix hajja konjugali, izda jkun resaq ghac-celebrazzjoni taz-zwieg sabiex jilhaq xi ghan ulterjuri.***

Il-Qorti hawnhekk taghmel ukoll referenza ghas-sentenza fl-ismijiet ***Anthony Gallo vs Dr. Anthony Cutajar et nomine*** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Mejju 2002 fejn inghad illi:

> ***meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed (jew wahda) minnhom, allavolja hu kapaci jaghti l-kunsens validu taz-zwieg, pero` bl-att tieghu hu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu, eskluda a priori z-zwieg,…….hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.***

**Ikkonsidrat:**

Stabbiliti dawn l-insenjamenti legali, din il-Qorti ser tgħaddi sabiex taghmel is-segwenti konsiderazzjonijiet fid-dawl tal-provi migbura.

Din il-Qorti ghandha biss quddiema t-testimonjanza tal-attrici, dik tal-konvenut u dik ta' oht l-attrici. Illi filwaqt li l-attrici tishaq illi l-konvenut kellu problema ta' xorb, il-konvenut jinnegah dan u jirrileva illi verament kien hemm episodju waqt il-*honeymoon* tal-partijiet fejn, flimkien ma' habib tal-koppja, kienu ddawwru waqt avveniment li l-konvenut attenda bil-kunsens tal-attrici martu. Izid illi meta kien jixrob, dan kien jaghmlu b'mod socjevoli u flimkien mieghu kien ikun hemm l-attrici martu, li kienet ukoll qieghda tixrob. Illi bl-istess mod, filwaqt illi l-konvenut jishaq illi l-attrici kien biss mohha fil-mestier taghha u qatt ma riedet taf bi tfal, l-attrici tishaq illi ir-rapporti intimi bejniethom dejjem sehhu minghajr protezzjoni jew kontracettivi, izda t-tfal qatt ma gew. Illi pero' tirrileva ukoll illi hi kienet bezghana illi l-konvenut jabbandunaha bhala ma kien ghamel lill-ibnu minn relazzjoni precedenti. Illi fuq dan, il-konvenut ma ghamel l-ebda accenn.

Interessanti hija t-testimonjanza ta' oht l-attrici, li effettivament xehdet fid-dawl fuq ir-relazzjoni tal-konjugi. Illi din il-Qorti kellha l-opportunita' li tisma tali testimonjanza *viva voce.* Oht l-attrici spjegat illi l-koppja kienet tkun fil-presenza taghha ghaliex kienu johorgu lkoll flimkien bhala grupp. Tikkonferma illi l-koppja kienet ghamlet snin tikkoabita flimkien fi propjeta li tappartjeni lill-attrici qabel ma zzewwgu. Tirrakonta illi minn dak li kienet qieghda tara hi, ir-relazzjoni kienet wahda tajba u li l-konjugi kien ikollhom argumenti li hi tiddefinixxi bhala *"affarijiet ta' kuljum li normali mhux kien hemm xi haga li qed tissuspettani jew hekk… xejn minn dan."* Tirribadixxi fil-kontro-ezami illi "*ma hemmx xi haga specifika li nkwetatni…"* tistqarr ukoll illi ohtha qatt ma qaltilha ghalfejn iz-zwieg taghha mal-konvenut sfaxxa ghaliex skond ix-xhud, lanqas ohtha stess ma kellha spjegazzjoni ghaliex l-konvenut qabad u telaq. Illi tali testimonjanza twassal lil din il-Qorti taghraf illi li kieku l-problema tax-xorb li ssemmi l-attrici fix-xhieda taghha kienet wahda

ta' certu gravita kif tallega l-attrici, it-testimonjanza ta' ohtha kienet tkun wahda ferm differenti.

Illi din il-Qorti ssibha ferm difficli li l-kunsens ta' entrambi l-partijiet ***kien "vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tagħha",*** u dan fid-dawl tal-fatt illi l-partijiet kienu ilhom erba' snin jghixu flimkien qabel iz-zwieg u jaqsmu r-responsabbiltajiet li tali konvivenza ggib maghha kif *ex admissis* xehdet l-attrici stess, illi x-xoghol kien jinqasam sakemm kienu ghadhom gharajjes u li ***"kollox kien harir"***. Illi lanqas ma gie pruvat illi l-partijiet huwa aflittli minn "…***anomalija psikoloġika serja li tagħmilha impossibbli għal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ."***

Illi hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi l-partijiet kienu entrambi konjxi ta' dak li jirrikjedi z-zwieg u fil-fatt entrambi l-partijiet kellhom eta' piutost matura meta kkuntrattaw iz-zwieg, izda dan il-pass sar biss ghaliex kien il-pass li jmiss u ighaliex beda jaghfas iz-zmien u l-attrici kienet ser taghlaq tletin (30) sena. Illi ta' relevanza huma l-insenjamenti tal-Qrati nostrani fis-sentenza fl-ismijiet ***Emanuel Camilleri vs Carmen Camilleri*** deciza fil-21 ta' Novembru 1995 illi:

> ***Huwa ormai assodat fil-gurisprudenza nostrana illi difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju mhux semplicement nuqqas ta' hsieb, jew nuqqas ta' riflessjoni; anqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew jiehu decizjonijiet zbaljati [infatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi perfettamet kompatibbli ma' diskrezzjoni ta' gudizzju. [enfazi ta' din il-Qorti.]***

Illi id-decisjoni jew l-ghazla zbaljata kienet fil-*motivazzjoni* li waslet lill-partijiet biex efettivament jizzewwgu, sempliciment ghaliex dak kien il-pass li jmiss. Illi lanqas ma hija l-fehma ta' din il-Qorti illi ***"il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga."*** Mit-testimonjanzi tal-partijiet ma jidhirx illi kien hemm sitwazzjoni fejn il-partijiet eskludew iz-zwieg innifsu jew xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja konjugali. Illi l-konvenut isemmi illi l-attrici qatt ma riedet tfal, pero' mit-tetsimonjanza tal-istess attrici, liema testimonjanza fil-fehma konsiderata ta' dinil-Qorti kient wahda piutost candida f'dan ir-rigward: *"Atti sesswali issa jekk jigux jew le happy go lucky kont qatt ma kont noqghod lura, la qed tilghab man-nar tista tinharaq."* Fuq mistoqsija ta' din il-Qorti jekk l-attrici kienitx fuq il-kontracettivi, hija rrispondiet fin-negattiv. Fuq mistoqsija da parti tal-avukat difensur tal-konvenut jekk hija kienitx qieghda tifhem dakinhar li marru ghaz-zwieg, l-attrici tikkonferma dan u mit-testimonjanza taghha jirrizulta illi kienet konxja tas-sagrificcji li ggib maghha l-hajja mizzewga.

Din il-Qorti ghandha d-dover li tevalwa bir-reqqa l-provi li ngabu quddiemha, liema provi ghandhom ikunu konkreti, konvincenti u li ma jhallu l-ebda dubju f' mohh il-gudikant illi l-anullament in kwistjoni mhux qiegħed jintalab kappriccozament.

Illi ghalhekk u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, din il-Qorti wara li qieset il-provi u l-insenjamenti tal-Qrati taghna fuq l-istitut tal-annullament, tqis illi ma tressqux ghas-sodisfazzjon pjen ta' din il-Qorti, provi cari u konkreti li jezistu ragunijiet gravi u serji u eccezzjonali skond kif tezigi il-Ligi, li jiggustifikaw it- talba ghan-nullita.'

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad it-talbiet tar-rikorrenti hekk kif dedotti fir-rikors taghha tad- 19 ta' Novembru 2020 u tiddikjara illi z-zwieg ikkontrattat bejn il-partijiet fl-20 ta' Gunju 2015 mhuwiex aflitt minn nullita' indikata ai termini tal-Artikolu 19 (1)(d) u/jew 19(1)(f) tal-Att Dwar iz-Zwieg.**

**Il-Qorti tordna l-ispejjes ghandhom ikunu a karigu tal-attrici.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**